Dok 8

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR FOREIGN
AND EUROPEAN AFFAIRS
CONSULAR SERVICES AND MALTESE LIVING ABROAD

MALTESE LIVING ABROAD

**Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2021**

---

**Introduzzjoni**

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta huwa mwaqqaf skont l-Artiklu 3 tal- tal-Att XX tal-2011. Il-membri huma maħtura mill-Onor Prim Ministru, b'uħud minnhom wara konsultazzjoni mal-Onor Kap tal-Oppożizzjoni. Il-President tal-Kunsill huwa ex-officio, l-Onor Ministru tal-Affarijiet Barranin. Il-membri huma maħtura għal tliet snin, bil-possibbiltà' li l-ħatra tagħhom tiġi mġedda għal tliet snin oħra.

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2021.

Matul is-sena konċernata, 10 membri tal-Kunsill Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (CMLA) skadielhom l-ewwel term ta' tliet snin. Dawn kienu:

Is-Sur Angelo Grima
Id-Dott Antonella Berry-Brincat
Is-Sur Brandon Azzopardi
Is-S.ra Claudia Caruana
Is-Sur Denis Muniglia
Is-S.ra Edwidge Borg
Is-Sur Emanuel Camilleri
Is-S.ra Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M. Sammut
Is-S.ra Susan Schembri

Billi skont l-Art5 (2) tal-Att XX tal-2011 dawn setgħu jservu fuq il-Kunsill għal tliet snin oħra, l-Onor Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej irrikmanda li dawn, bl-eċċezzjoni tas-Sur Angelo Grima ( li talab li ma jiġix nominat mill-ġdid), jiġu appuntati mill-ġdid bħala membri tal-Kunsill. Fil-fatt l-Onor Prim Ministru approvahom biex iservu għal tliet snin oħra.

Minħabba t-talba tas-Sur Grima li ma jiġix ikkunsidrat biex iservi għal tliet snin oħra fuq il-Kunsill, inħoloq post battal fl-istess Kunsill. Dan il-post ġiet mimli mis-Sa Mona Nicholas minn Kalifornija fl-iStati Uniti.

Hekk il-Kunsill għas-sena 2021 kien iffurmat kif ġej:

**Iċ-*Ċerpersin* tal-Kunsill**
L-Onor Evarist Bartolo, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej

**Membri tal-Kunsill**
Is-Sur Brandon Azzopardi
Id-Dott. Antonella Berry-Brincat
Is-S.ra Edwidge Borg
Is-S.ra Georgina Bugeja

HOUSE OF REPRESENTATIVES MALTA
14 OCT 2022
RECEIVED

18, Zachary Street, Valletta, Malta
T +356 21242191 E foreignaffairs@gov.mt
www.foreignandeu.gov.mt

Is-Sur Emmanuel Camilleri
Is-S.ra Claudia Caruana
Il-Prof Josann Cutajar
Is-Sur Alexander Grima
Is-Sur Nadim Kanawati
Is-Sur Denis Muniglia
Is-S.ra Mona Nichols
Is-S.ra Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M Sammut
Is-S.ra Susan Schembri
Is-Sur John Vassallo

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

## 1.0 Laqgħat

Minkejja li l-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, jitlob li ssir Laqgħa Annwali tal-Kunsill tal-kull sena f'Malta, minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti tal-pandemija, din il-Laqgħa ġiet imħassra u minflok ġie deċiż li ssir laqgħa virtwali.

Attwalment saru żewġ laqgħat virtwali:
1. 3 ta' Frar 2021, u
2. 1 ta' Novembru tal-2021

Minkejja d-diffikultajiet loġistiċi li joħolqu laqgħat bħal dawn, fosthom id-differenza fil-ħin fil-pajjiżi differenti ta' rappreżentazzjoni, (il-laqgħat li saru min-nofsinhar (12.00) ħin ta' Malta 'l quddiem. Għal uħud mill-membri dan kien attwalment l-erbgħa ta' filgħodu (4.00am) u oħrajn l-għaxra ta' billejl (10.00pm), il-maġġoranza assoluta tal-membri ħadu sehem fiż-żewġ laqgħat.

Il-laqgħat saru taħt il-presidenza tal-Ċerpersin tal-Kunsill, l-Onor Evarist Bartolo, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

## 2.0 Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet

Għal dawn il-laqgħat, kif inhi l-proċedura, il-membri ġew mitluba jressqu temi biex jiġu kkunsidrati meta tkun qed titfassal l-Aġenda tal-laqgħat.

Minħabba l-limitazzjoni tal-ħin – kull laqgħa kienet ta' madwar sagħtejn – mhux it-temi kollha proposti ġew inklużi fuq l-Aġenda għad-diskussjoni. Minkejja dan, xorta waħda ngħatat informazzjoni dwar dawk t-temi li ma ġewx inklużi.

Fost it-temi diskussi kien hemm: l-iStrateġija Nazzjonali għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta ; Roots and Routes (inizjattiva ta' Aġenzija Żgħażagħ), il-Forum virtwali għaż-Żgħażagħ, Jum Malta fi skejjel primarji, ANZAC Youth Sports f'Malta, it-Taxxa Doppja (Kanada).

## 2.1 Strateġija Nazzjonali għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

It-tfassil ta' Strateġija Nazzjonali għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta ġiet diskussa fiż-żewġ laqgħat virtwali. Waqt l-ewwel laqgħa ġie spjegat lill-membri l-iskop ta' dan il-pjan : dik li jiġu

identifikati dawk il-prijoritajiet li jistgħu jqarrbu lejn xulxin lil dawk li jgħixu Malta mal-Maltin li jgħixu barra minn Malta (Greater Malta) u li jkunu ta' sostenn għaż-żewġ naħat.

Il-membri ġew mitluba biex jibgħatu l-proposti tagħhom għall-kunsiderazzjoni meta tkun qed titfassal din l-istrateġija.

Fit-tieni Laqgħa ġew ippreżentati l-proposti tal-membri tal-Kunsill għal din l-istrateġija.

L-erba' pilastri elenkati f'dawn il-proposti huma:
1. Il-Kultura 2. Ir-Reżiljenza 3. Il-Ġid tagħna 4. Iż-Żgħażagħ tagħna.

Wara li xi membri tal-Kunsill, ippreżentaw il-proposti tagħhom, id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu barra minn Malta ressaq Memo lis-Segretarju Permanenti (PS) fejn, filwaqt li ttieħdu f'kunsiderazzjoni dawn il-proposti, ittieħdet ukoll f'kunsiderazzjoni l-istrateġija tal-Politika Barranija tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej li tnediet lejn l-aħħar tas-sena 2021. L-Erbgħa pilastri li fuqhom mistennija tinbena din l-istrateġija huma:

1. Il-Konnettivita'
2. L-Entrepreneurship
3. Il-Benesseri, u
4. Iż-Żagħażagħ

### 1.2 Forum għaż-Żgħażagħ

Fl-ewwel laqgħa virtwali (Frar 2021) ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni li kienet ittieħdet qabel li jiġi organizzat forum għaż-Żgħażagħ (Youth Forum) immirat għal dawk ż-żagħżagħ ta' dixxendenza Maltija li Jgħixu barra minn Malta, flimkien ma' żagħżagħ li jgħixu f'Malta.

Għal dan il-għan twaqqaf kumitat li kien magħmul minn membri mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta (CMLA) u rappreżentanti mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Saru diversi laqgħat virtwali ta' dan il-Kumitat fejn fost id-deċiżjonijiet li ttieħdu kien hemm dik li jsir stħarriġ onlajn fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena ta' dixxendenza Maltija li jgħixu barra min Malta.

Għal dan l-istħarriġ ħadu sehem 143 parteċipant ġejjin minn 21 pajjiż li 36% minnhom ġew mill-Awstralja, 14% mill-Kanada u 10% mill-iStati Uniti. 97% ta' dawk li pparteċipaw twieldu barra minn Malta.

Mill-istħarriġ ħareġ li dawn jidentifikaw lil Malta l-aktar mal-kultura u l-iStorja, filwaqt li fejn jidħol involviment, hemm identifikar permezz ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet tal-Maltin u taħlit ma' Maltin oħra (*socialising*). Madanakollu ħareġ ukoll li l-maġġoranza l-kbira (76%) ma jinvolvux ruħhom direttament fil-Komunitajiet tal-Maltin, għalkemm imbagħad 91% jixtiequ li jinvolvu ruħhom.

Għall-mistoqsija jekk humiex lesti li jieħdu sehem fil-Forum għaż-Żgħażagħ, 62% urew interess, filwaqt li 30% jaħsbu li forsi jkunu nteressati.

Interessanti il-fatt li meta mitluba jgħidu x'temi jixtiequ jiddiskutu, il-maġġoranza (44%) marru għall-konnettività bejn iż-żgħażagħ, filwaqt li numru konsiderevoli (26%) ppropenew l-Ilsien Malti, il-Kultura u l-Wirt Malti (*Maltese Heritage*).

**2.3 Jum Malta fl-Iskejjel Primarja**

Suġġeriment interessanti li ġie diskuss u li kien hemm qbil dwaru, kien li permezz tal-Ambaxxati u l-Konsli, speċjalment fejn hemm komunitajiet kbar ta' Maltin, u fejn hu possibbli, issir ħidma biex jiġi ċċelebrat Jum Malta fl-Iskejjel Primarji tal-lokal. Dan ikun jikkonsisti fi żjara minn xi uffiċjal tal-Ambaxxata jew tal-Konsulat Malti li, fost l-oħrajn, iwassal informazzjoni utli dwar Malta. Xi ħaġa simili diġà kienet saret fl-Awstralja meta saru l-*Commonwealth Games* tal-Awstralja fl-2006 meta l-Konslu Generali ta' Victoria u l-Konslu Onorarju f'Latrobe Valley kienu marru fl-iskejjel u qassmu CDs dwar Malta lill-istudenti.

**1.3 Attività Sportiva f'Malta f'Jum Anzacs**

Tema oħra diskussa kienet il-proposta biex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu fi proġett li permezz tiegħu f'Jum l-Anzacs f'Malta jsiru xi attivitajiet sportivi biex ifakkru dan il-Jum.

L-ewwel attività li qed tiġi proposta, u li dwarha bdew isiru xi tħejjijiet, hija regatta li fiha mistennija jieħdu sehem ir-*Rowing Club* tal-Università ta' Malta flimkien ma qaddiefa oħra mill-Awstralja, New Zealand u possibbilment mir-Renju Unit.

L-Iskop ta' dawn l-attivitajiet sportivi hu li jġibu liż-żgħażagħ mill-pajjiżi msemmija hawn fuq eqreb lejn xulxin permezz tal-iSport kif ukoll jgħinu fit-tkabbir tat-turiżmu sportiv lejn Malta.

Min-naħa tal-Kunsill, permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, għandhom isiru kuntatti mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isport, l-Awtorità' tat-Turiżmu kif ukoll mar-*Rowing Club* tal-Università' biex tiġi organizzata din l-attività. Huwa maħsub li din l-attività ssir f'Jum l-Anzac f'April 2023.

**1.4 It-Taxxa Doppja fil-Kanada**

Waqt il-laqgħa tqajmet il-kwistjoni ta' Maltin li qed ikollhom iħallsu taxxa doppja fuq il-propjetà, kif ukoll ta' kumpaniji Maltin fil-Kanada li jixtieqụ jestendu l-operat tagħhom f'Malta u li mhux jagħmlu dan minħabba kwistjoni ta' taxxa.
Għalkemm hemm ftehim bilaterali dwar it-taxxa doppja bejn Malta u l-Kanada, jidher li jista' jkun hemm lok għal xi tibdil f'dan il-ftehim. Għaldaqstant kien maqbul li jsir kuntatt mal-Ministeru tal-Finanzi dwar dan biex naraw x'jista' jsir.

**3.0 Materji oħra**

Waqt dawn il-laqgħat ingħatat informazzjoni dwar temi li qajjmu l-membri tal-Kunsill li nħass li ma kienx hemm bżonn ta' diskussjoni dwarhom, iżda spjegazzjoni u informazzjoni.

Fost dawn kien hemm:

*Emendi għall-Att XX tal-2011* fejn il-membri ġew infurmati li bħalissa l-emendi proposti kienu qegħdin jiġu analizzati mill-Uffiċju Legali fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej bil-għan li jiġi finalizzat l-ewwel abbozz u jitressaq għall-attenzjoni tal-Onor Ministru għall-

konsiderazzjoni tiegħu. Wara dan jibda l-proċess li finalment għandu jwassal għad-diskussjoni u l-approvazzjoni mill-Parlament tal-Att kif rivedut.

*Tiġdid ta' passaporti:* Il-Kunsill ġie nfurmat li ma setgħetx tintlaqa' l-proposta ta' xi membri li t-tiġdid tal-passaporti jibda jsir anki mill-Konsli Onorarji. Dan minħabba li l-Konsli Onorarji mhumiex awtorizzati jirċievu applikazzjonijiet ta' ċittadinanza u passaporti Maltin fost l-oħrajn. Dan minħabba l-fatt li l-irwol tagħhom mhuwiex konformi ma' dak ta' uffiċjal pubbliku u għalhekk ma jistgħux iservu bħala *Commissioners of Oaths*, kif ukoll billi din hija materja sensittiva ħafna li għandha tkun ristretta għall-uffiċjali li jaħdmu mill-Ambaxxati/Konsulati Maltin.

*Working Holidy Visa għal Żgħażagħ Maltin Kanadiżi*: Min-naħa tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej kienu saru laqgħat inter-ministerjali dwar din il-materja u saħansitra ġie ppreparat abbozz ta' ftehim dwar dan. Dan l-abbozz intbagħat lill-Awtoritajiet Kanadiżi li nfurmaw lill-Ministeru li kienu beħsiebhom jieħdu t-talba ta' Malta f'kunsiderazzjoni ġaladarba tbatti l-pandemija tal-Covid-19.

*Tiġdid tal-biometric Passport:* Xi membri staqsew jekk kienx possibbli li jitħaffef il-proċess biex jiġi mġedded il-passaport bijometriku billi dawk li japplikaw ma jibqgħux jiġu mitluba jipprovdu mill-ġdid id-dokumenti kollha li jkunu ppreżentaw qabel meta għamlu l-ewwel passaport.

Din il-materja għadha qed tiġi diskussa mal-Aġenzija Identity Malta fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Interni. Madankollu wieħed irid iżomm f'moħħu li l-proċedura kif prattikata attwalment hija skont il-proċeduri indikati fil-leġislazzjoni dwar il-passparti (***subsidiary legislation 61.2***) u l-kundizzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea (***EC Regulation No. 2252/2004***).

*Il-Kummissjoni Għolja Maltija fil-Kanada:* Il-proposta li titwaqqaf Kummissjoni Għolja Maltija fil-Kanada qed tiġi kkunsidrata. Biss dan qed isir f'kuntest aktar mifrux billi wieħed irid jieħu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni f'pajjiżi oħra fejn ma hemmx Kummissjoni Għolja jew Ambaxxata, kif ukoll ir-riżorsi, kemm finanzjarji kif ukoll umani, li jkunu meħtieġa biex jitwaqqfu rappreżentanzi bħal dawn.

*Ċerimonji :* Tqajmet mill-ġdid il-kwistjoni tal-organizzazzjoni ta' ċerimonja tal-għoti taċ-Ċittadinanza Maltija fl-Ambaxxati u l-Konsulati Maltin barra minn Malta.

Għalkemm din hija proposta tajba, qabel ma tiġi mplimentata jeħtieġ li jittieħdu numru ta' konsiderazzjonijiet relatati mal-loġistika, fosthom id-distanzi li ċerti persuni li jingħataw iċ-ċittadinanza Maltija għandhom mill-eqreb rappreżentanza Maltija. Madanakollu din il-proposta għadha qed tiġi kkunsidrata u l-Ministeru m'għandu l-ebda oġġezzjoni li din issir fi żmien opportun.

*Ktejjeb:* Ma din iċ-ċerimonja kien hemm marbuta l-produzzjoni ta' ktejjeb ta' informazzjoni dwar Malta li kellu jitqassam waqt iċ-ċerimonja tal-Għoti taċ-ċittadinanza. Attwalment diġà kien sar abbozz ta' dan il-ktejjeb bl-isem: "*Welcome to Malta my home.*" Iżda fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti dan l-abbozz kellu jiġi rivedut għax kif inhu ma jirriflettix lil Malta tal-lum. Għaldaqstant intalbet l-għajnuna tal-MTA li min-naħa tagħha bagħtet numru ta' vidjos dwar postijiet ta' nteress f'Malta, liema vidjos ittellgħu fuq is-sotto-sit iddedikat għall-Maltin li jgħixu barra.

Sadanittant il-Kunsill qabel li filwaqt li l-ktejjeb jiġi rivedut, minflok ma dan jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati taċ-Ċittadinanza Maltija, jinħareġ f'forma elettronika biex ikun jista' jintlaħaq minn aktar nies.

*Australia Hall:* Xi membri tal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni tal-membri li fl-Awstralja kienu qed isiru sforzi mir-*Restoration of Australia Hall in Malta Project* biex tiġi restawrata din il-binja. Il-membri tal-Kunsill ġew infurmati li l-Gvern ma jistax jindaħal f'din il-materja, ħlief li jara li kull intervent li jsir mis-sidien privati fuq il-binja jkun skont il-proviżjonijiet tal-liġi għat-tħaris tal-wirt storiku u l-ftehim li sar ma dawn is-sidien.

**4.0 Kunsilli Reġjonali**

Lejn tmiem is-sena, wara konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill, xi Ambaxxati, Kummissjoni Għolja u għaqdiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, bdew jinħatru l-membri tal-Kunsilli Reġjonali f'numru ta' pajjiżi u stati fejn hemm għadd ta' Maltin.

Dawn il-Kunsilli ġew imwaqqfa skont kif jitlob l-Att XX tal-2011 ( Art 5(5)).
Għalissa dawn il-ħatriet saru biss f'xi pajjiżi u stati kif kien deċiż mill-istess membri tal-Kunsill.

Dawn inħatru: Fir-Renju Unit, l-Unjoni Ewropea, il-Commonwealth tal-Kanada, u wieħed fl-Awstralja li jirrappreżenta l-iStati kollha tal-Awstralja (*Rest of Australia*), barra New South Wales u Victoria.

Bħalissa qed issir ħidma biex jinħatar Kunsill Reġjonali ieħor għall-iStati Uniti tal-Amerika.

L-għan prinċipali ta' dawn il-Kunsilli huwa biex ikunu ta' għajnuna lill-membri tal-Kunsill billi jsiru laqgħat fiżiċi u/jew virtwali fejn il-membri tal-Kunsilli Reġjonali ikunu jistgħu jiddiskutu mal-membru/membri tas-CMLA ta' dak il-pajjiż jew stat l-aħjar mod kif jintlaħqu l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, speċjalment dawk li jgħixu fil-pajjiż jew l-Istat li huma jirrappreżentaw, kif ukoll jagħmlu suġġerimenti u proposti għall-istess għan.

**5.0 Hidma oħra**

*Attivitajiet Kulturali:* Tniedew diskussjonijiet ma' *Heritage Malta* u l-*Arts Council Malta* biex jinstabu modi kif ikun hemm kollaborazzjoni ma' dawn iż-żewġ entitajiet bil-għan li tkun promossa l-kultura Maltija fost il-Maltin li Jgħixu barra minn Malta.

*Websajt:* Kompla jiġi żviluppat is-sotto-sit iddedikat għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta li tifforma parti mis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej.

F'dan is-sit wieħed isib tagħrif dwar il-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu barra minn Malta, it-taqsima responsabbli għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, in-Newsletters li jiġu ppubblikati minn edituri privati f'pajjiżi barranin fejn jgħixu komunitajiet ta'Maltin, tagħrif dwar diversi siti li fost l-oħrajn joffru tagħlim tal-ilsien Malti onlajn, siti b'kontenut storiku, artistiku u kulturali, nklużi dokumentarji dwar pajjiżna. Hemm ukoll link għall-Arkivju Nazzjonali fejn wieħed jista' jaċċessa materjal elettroniku dwar l-iStorja u l-kultura Maltija u materji ieħor.

*Għajnuniet:* Il-Kunsill, bil-kooperazzjoni u permezz tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, għin lil diversi individwi li jgħixu barra minn Malta fid-diversi bżonnijiet tagħhom, fosthom dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadinanza u passaporti, il-banek lokali,

kuntatti biex jinkisbu dokumenti ta' magħmudija u dixxendenza, ċertifikati u protokolli tal-Covid-19 fost l-oħrajn.

**6.0 Hidma tal-Membri tas-CMLA**

Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill ikunu f'kuntatt kontinwu kemm bejniethom kif ukoll mas-Segretarju tal-Kunsill u jressqu l-proposti tagħhom kif ukoll xi talbiet għall-għajnuna li jirċievu minn għand xi ndividwi jew għaqdiet.

Għal dan l-iskop, is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur responsabbli mid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kienu f'kommunikazzjoni kontinwa bejniethom, din id-darba aktar permezz tal-mezzi elettroniċi milli b'laqgħat wiċċ imb'wiċċ biex tiġi kkordinata l-ħidma li kienet meħtieġa fl-interess tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Sadanittant, Il-Membri tal-Kunsill fl-Awstralja, il-Kanada u l-iStati Uniti żammew diversi laqgħat virtwali biex jikkoordinaw flimkien diversi tweġibiet għal sejħiet mis-segretarjat tas-CMLA, fosthom biex jitressqu temi għad-diskussjoni fuq l-Aġenda tal-Laqgħat virtwali li saru matul is-sena 2021.

Tlieta minn dawn il-membri ffurmaw parti mis-sotto kumitat li kien qed jiddiskuti l-kwestjonarju u l-programm li kellu jwassal għall-proposta biex ikun organizzat il- Forum għaż-Żagħżagħ

Fl-Awstralja uħud minn dawn il-membri mbuttaw it-tagħlim tal-ilsien Malti billi koordinaw il-klassijiet tat-tagħlim tal-Malti li laħaq Maltin tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni, kif ukoll studenti li għalkemm mhux ta' dixxendenza Maltija qegħdin f'relazzjoni ma' dixxendenti Maltin u għalhekk xtaqu jitgħallmu l-Malti.

Saru wkoll diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Awstraljan biex dan jibqa' jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu biex jinżammu dawn il-klassijiet.

Bil-ħidma ta' membri tas-CMLA saru applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja kif ukoll biex jinkiseb permess biex il-*Morwell Maltese Museum* ta' Victoria jkun jista' jkompli jespandi. Fil-fatt dawn it-talbiet ġew milqugħa u diġà beda x-xogħol fuq l-estensjoni.

Saru wkoll diskussjonijiet dwar l-Australia Hall ma' għaqda li qed taħdem fuq ir-restawr u ż-żamma ta' din il-binja. Dawn ġibdu wkoll l-attenzjoni dwar din il-materja fil-laqgħat virtwali tas-CMLA.

Il-grupp ressaq ukoll quddiem il-Laqgħa Virtwali tas-CMLA il-proġett tas-Sur John Calleja dwar *Sports day* f'Malta f'Jum ANZAC bl-ewwel attivita' ppjanata għal April 2023.

Fil-qasam kulturali u informattiv , bl-inizjattiva ta' waħda mill-membri tas-CMLA, l-SBS wasal fi ftehim mal-*producer* is-Sur Mark Doneo biex film Malti b'sotto-titli bl-Ingliż jitpoġġa fuq is-sistema ta' *on demand* tal-istess stazzjon.. Il-membri tas-CMLA ħadu ħsieb biex jinfurmaw lill-komunità Maltija dwar dan is-Servizz.

Saru wkoll laqgħat virtwali bejn il-membri tas-CMLA fl-Awstralja u l-Kummissarju Għoli għall-Malta fl-Awstralja, l-E.T. is-Sur Mario Farrugia Borg li fost l-oħrajn wasslu biex il-Komunità Maltija tiġi nfurmata dwar iċ-Ċensiment tal-*Australian Bureau of Statistics* u l-istħarriġ tal-SBS.
Saru linji gwida li ġew ċċirkulati fuq il-midja soċjali u mezzi oħra ta' komunikazzjoni lill-Komunità Maltija biex tgħinhom iwieġbu dan l-istħarriġ. Dan l-istħarriġ huma importanti ħafna għax minnu

jiddependu ċerti servizzi pprovduti lil diversi kommunitajiet li hemm fl-Awstralja, kif ukoll il-ħin dedikat mill-SBS għall-programmi mmirati għall-Komunità' Maltija.

Sadanittant id-diversi membri ta' dan il-grupp kemm flimkien kif ukoll individwalment żammew il-kuntatti tagħhom mal-komunitajiet Maltin tal-lokal tagħhom.

F'dan is-sens, fl-Awstralja saru laqgħat mal-għalliema, ġenituri u studenti li jattendu għat-tagħlim tal-Ilsien Malti.

Ingħatat ukoll għajnuna lil klijenti tal-Bank of Valletta, li mhumiex daqshekk effiċjenti fl-użu tal-mezzi elettroniċi, li riedu jimlew ċertu dokumenti onlajn. Ingħatat għajnuna wkoll lil dawk li kellhom diffikultajiet dwar l-applikazzjoni għall-passaport jew iċ-Ċittadinanza u f'diversi ħtiġijiet oħra.

Il-ħidma tal-Kunsill għas-sena ta' ħidma 2021 kienet imxekkla bil-pandemija tal-Covid-19, li reġgħet waslet biex il-Kunsill ma jiltaqax għat-tieni sena konsekuttiva għal-laqgħa annwali tiegħu li ssir f'Malta. Il-Ministeru huwa kommess li jekk il-firxa tal-pandemija tonqos, il-laqgħa annwali tal-2022 issir f'Malta.